TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 30

It-Tlieta, 21 ta' Dicembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fit-3.30 p.m.

Il-Vici Sindku Zoya Attard ippresidiet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Vici Sindku Zoya Attard (online) u l-Kunsillieri Anthony Camilleri, Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

Is-Sindku Keith Tanti informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat

**TALBA**

Il-Vici Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 29 li saret nhar it-Tlieta, 23 ta' Novembru, 2021, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

***2.1*** Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand is-Sindku Keith Tanti li nforma li kien xoghol (Appendici A). Huwa gie skuzat.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***3.1*** ***Pjazza San Luqa***. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ntbghatu d-dokumenti mehtiega biex il-progett jitkompla.

***3.2*** ***Manutenzjoni generali fit-toroq***. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gie mghoddi *community worker* lill-Kunsill Lokali sabiex iwettaq dan ix-xoghol.

## 4 KORRISPONDENZA

***4.1*** Tressqu quddiem il-Kunsill kopja tal-Management Letter u r-risposta ghaliha, ghas-sena 2020.

## 5 MISTOQSIJIET

***5.1*** Il-Kunsillier Pisani informa lill-Kunsill li l-Ministru ghall-Ambjent kien habbar li ser isir il-progett ta' thaddir taz-zuntier tal-Knisja. Huwa qal li l-idea ghal dan il-progett kien ressaqha hu waqt diskussjoni li kellu mal-MEP Cyrus Engerer. Fis-swali taht dan iz-zuntier kien hemm problema li kien jidhol l-ilma u b'hekk se tigi solvuta din il-problema wkoll. Il-progett ser iservi ta' spazju miftuh iehor ghal kulhadd.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-fondi mill-iskema tar-Regjun Centru ghal ghajnuna lil baned gew approvati u ghaddew lis-Socjeta` Muzikali Madonna ta' Fatima.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Il-Vici Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Camilleri, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 29. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fl-4.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar, 2022, fit-3.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku